TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 277/11

**Cynthia u Abner Grixti**

**vs**

**Fino & Sons Ltd.**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Ġunju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900), rappreżentanti prezz ta' sodda li wara li ġiet installata, din kienet kbira għall-kamra, waqt li l-bieba tal-gwardarobba ma tistax tinfetaħ.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw sodda li taw il-qies tagħha u meta ġiet ikkonsenjata d-dar, din ma setgħetx tiġi mqegħda sew għax kienet kbira għal ġol-kamra, tant li l-bieba tal-gwardarobba ma setgħetx tinfetaħ.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi r-rikorrenti ġew u raw is-sodda, kif ukoll ordnawha bil-qisien u ġiet ikkonsenjata eżatt bil-qisien, u li għandha ftit *puffiness* fuq il-ġenb li huwa stil tas-sodda.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi s-sodda *per se* m'għandha xejn ħażin u li ġiet ikkonsenjata kif kienet ordnata, u li r-rikorrenti jmisshom qagħdu aktar attenti meta ordnaw is-sodda.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888